# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Diċembru 2021**

Appell numru 191/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Johann AZZOPARDI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-5 t'Ottubru 2020 fil-konfront ta' Johann AZZOPARDI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 106880M) li ġie mixli talli fil-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn is-26 t'Awissu 2019 u l-20 ta' Novembru 2019 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Abigail Cassar Fiorini s-somma hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant

AZZOPARDI ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal **xaharejn priġunerija**.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant AZZOPARDI appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta għall-każ u dan stante li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant kien irreġistra ammissjoni bikrija u ma ħeliex il-ħin prezzjuż tal-Qorti.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

**Ikkunsidrat**

4. Illi Abigail Cassar Fiorini irraportat ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar li missier iż-żewġt ulied tagħhom ċjoe Johann AZZOPARDI naqas milli jħallas il-manteniment dovut lilha bejn is-26 t'Awissu 2019 u l-20 ta' Novembru 2019 meta hekk ordnat b'digriet tal-Qorti Ċivili numru 362 tal-2014 datat 20 ta' Novembru 2014 maħruġ mill-Imħallef Abigail Lofaro.

**Ikkunsidrat**

5. Illi a fol 18 tal-atti jirriżulta li l-appellant irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontrih u huwa tenna din l-ammissjoni anke wara li ingħata żmien biżżejjed biex jerġa jaħsibha.

6. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) semmiet li l-appellant kien ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontrih u sabitu ħati fis-sensi tal-artikoli 7, 8, 18, 31(g) u 338(z) tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidat**

7. L-aggravju huwa dak relattiv għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu l-appellant jikkontendi li din il-piena kienet ġravuż meta meħuda fil-kuntest t'ammissjoni bikrija. F'appelli

ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti:

> Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

8. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that

> the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

9. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

10. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

11. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

12. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

13. L-ammissjoni bikrija tista' twassal għal tnaqqis fil-piena. Din hija l-posizzjoni adottata mill-ġurisprudenza Maltija. Il-posizzjoni fir-Renju Unit hija iżjed formalizzata. Fil-pubblikazzjoni **Reduction in Sentence for a Guilty Plea Definitive Guideline** maħruġ mis-Sentencing Council fl-2017,[1] b'riferenza għall-iżjed siltiet rilevanti għall-fini tal-proċeduri odjerni, jingħad is-segwenti :

> Section 144 of the Criminal Justice Act 2003 provides:
> (1) In determining what sentence to pass on an offender who has pleaded guilty to an offence1 in proceedings before that court or another court, a court must take into account:
> (a) the stage in the proceedings for the offence at which the offender indicated his intention to plead guilty, and
> (b) the circumstances in which this indication was given.
>
> ...
>
> B. KEY PRINCIPLES

[1] https://www.sentencingcouncil.org.uk/wp-content/uploads/Reduction-in-Sentence-for-Guilty-Plea-definitive-guideline-SC-Web.pdf (aċċessat fl-24 ta' Novembru 2021). Jingħad mingħajr tlaqlieq li dawn il-gwidi ma jifformawx stat fil-ġurisdizzjoni Maltija; iżda ladarba l-liġi proċedurali Maltija hija ispirata minn dik fil-ġurisdizzjonijiet tar-Renju Unit, għall-fini t'interpretazzjoni u eluċidazzjoni tal-prinċipji legali hemm kontenuti, din il-Qorti tqis li jkun ta' benefiċċju li tara kif dawk il-ġurisdizzjonijiet partikolari jitrattaw sitwazzjonijiet simili.

The purpose of this guideline is to encourage those who are going to plead guilty to do so as early in the court process as possible. Nothing in the guideline should be used to put pressure on a defendant to plead guilty.

Although a guilty person is entitled not to admit the offence and to put the prosecution to proof of its case, an acceptance of guilt:
a) normally reduces the impact of the crime upon victims;
b) saves victims and witnesses from having to testify; and
c) is in the public interest in that it saves public time and money on investigations and trials.

A guilty plea produces greater benefits the earlier the plea is indicated. In order to maximise the above benefits and to provide an incentive to those who are guilty to indicate a guilty plea as early as possible, this guideline makes a clear distinction between a reduction in the sentence available at the first stage of the proceedings and a reduction in the sentence available at a later stage of the proceedings. The purpose of reducing the sentence for a guilty plea is to yield the benefits described above.

The guilty plea should be considered by the court to be independent of the offender's personal mitigation.
• Factors such as admissions at interview, co-operation with the investigation and demonstrations of remorse should not be taken into account in determining the level of reduction. Rather, they should be considered separately and prior to any guilty plea reduction, as potential mitigating factors.
• The benefits apply regardless of the strength of the evidence against an offender. The strength of the evidence should not be taken into account when determining the level of reduction.
• The guideline applies only to the punitive elements of the sentence and has no impact on ancillary orders including orders of disqualification from driving.
...

D. DETERMINING THE LEVEL OF REDUCTION

The maximum level of reduction in sentence for a guilty plea is one-third

D1. Plea indicated at the first stage of the proceedings

Where a guilty plea is indicated at the first stage of proceedings a reduction of one-third should be made (subject to the exceptions in section F). The first stage will normally be the first hearing at which a plea or indication of plea is sought and recorded by the court.

...

E. APPLYING THE REDUCTION

E1. Imposing one type of sentence rather than another

> The reduction in sentence for a guilty plea can be taken into account by imposing one type of sentence rather than another; for example:
> • by reducing a custodial sentence to a community sentence, or
> • by reducing a community sentence to a fine.
>
> Where a court has imposed one sentence rather than another to reflect the guilty plea there should normally be no further reduction on account of the guilty plea. Where, however, the less severe type of sentence is justified by other factors, the appropriate reduction for the plea should be applied in the normal way.

14. Illi r-reat kontesta f'dan il-każ jinsab f'Taqsima Tlieta tal-Kodiċi Kriminali, taħt is-sub-titolu numru wieħed f'dik is-sezzjoni li titratta l-kontravenzjonijiet li huma ta' ordni pubbliku, u l-piena relattiva hija, skont l-Artikolu 7(2) tal-imsemmi Kodiċi :

a) Id-detenzjoni,

b) L-ammenda,

c) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

15. Iżda ġaladarba l-Qorti kkunsidrat li f'dan il-każ id-diversi infrazzjonijiet ġew marbuta ma xulxin bil-kwalifika tar-reat kontinwat u b'hekk dik il-Qorti setgħet tawmenta l-piena bi grad jew tnejn, fis-sensi tal-artikolu 31(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali din il-piena tal-kontravvenzjonijiet tista' tiżdied għal dik tal-multa jew tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur. B'hekk b'żieda ta' grad wieħed, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ingħatat id-dritt tal-għażla bejn l-imposizzjoni tal-multa jew tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur. Dik il-Qorti kellha wkoll, bis-saħħa tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali id-diskrezzjoni li tagħżel li żżid il-piena b'żewġ gradi, biex b'hekk titla skala oħra fl-iskaluna tal-pieni msemmija fl-artikolu 31(1)(b) b'mod li t-terminu ta' priġunerija jiżdied għal faxxa li tvarja bejn ix-xaharejn u s-sitt xhur priġunerija.

16. Għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma speċifikatx kif kienet qegħda teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, meta hija għażlet li timponi piena ta' xahrejn priġunerija hija kienet qegħda jew iżżid il-piena bi grad filwaqt li tagħżel il-kors tal-priġunerija li fil-massimu tagħha setgħet titla' sa tliet xhur. B'hekk dik il-Qorti kienet fil-parametri tal-Liġi nonche titqies li tkun naqset terz mill-massimu erogabbli f'dik il-faxxa in kwantu tkun imponiet il-massimu ta' tliet xhur priġunerija nieqes terz (xahar) bir-riżultat ta' xaharejn priġunerija. Mill-banda l-oħra tista titqies ukoll li imponiet il-piena

ordinarja b'żieda ta' żewġ gradi iżda għażlet li timponi l-piena fit-tieni grad fil-minimum tagħha – ossija x-xaharejn priġunerija. Iddur fejn iddur, il-piena kienet fil-parametri tal-Liġi u kienet kwalitattivament u kwantitattivament korretta.

17. Biss jirriżulta wkoll li fil-mori tal-appell kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet, billi l-appellant ħallas għal kollox l-ammonti kollha dovuti minnu f'manteniment in konnessjoni ma dan il-każ. Dan huwa pass pożittiv li juri li l-appellant, anke jekk tardivament, spiċċa biex wettaq dak li kien ordnat mill-Qorti li jagħmel. Irid issa jżommha f'moħħu li skont ġurisprudenza kostanti l-ordnijiet tal-Qrati jridu jiġu osservati skrupolożament u mhux ammessi u permessi tentennamenti fit-twettieq tal-ordnijiet tagħhom. Mill-banda l-oħra tali ħlas tardiv jista' jittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena tagħha.

# Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell magħmul minn Johann AZZOPARDI in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, mill-banda l-oħra tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kundannat għal xaharejn priġunerija u minflok, fiċ-ċirkostanzi prevalenti u riżultanti, din il-Qorti tqis li jissussistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk il-Qorti tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħati bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem li jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**